6	AZ012/2022	AZ012/2022 Expression of Interest – Architectual Services for The Refurbishment at Aġenzija Żgħażagħ St. Joseph High Road Santa Venera.	09th May 2022	ARC Studio LTD	€4,484.00
7	AZ 013/2022	AZ 013/2022 NYS Indoor and Outdoor WiFi Wide-Area Mesh Network at Villa Psaigon Youth Activity Centre - Aġenzija Żgħażagħ	27th April 2022	IBIS GROUP LTD	€7,091.00

It-threshold għall-kwotazzjonijiet hija ta' €5,000 eskluża l-VAT. Jekk awtorità kontraenti tqis li kwotazzjoni taħt it-threshold stabbilita hija ta' importanza sinifikanti, din tista' tiġi inkluża.

Threshold set for Quotations stands at €5,000 excl. VAT. Should a Contacting Authority deem that a quotation below the set threshold is of significant importance, it can also be included.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Festa ta' San Bartilmew - 28 ta' Awwissu, 2022
Armar ta' Gabbani

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li qed jilqa' applikazzjonijiet għall-armar ta' gabbani fl-okkażjoni tal-festa ta' San Bartilmew. L-applikazzjonijiet għandhom jaslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 12 ta' Awwissu, 2022.

Mal-applikazzjoni l-applikant għandu jipprovdi:

Karta tal-identità;
Ritratt tal-gabbana;
Ċertifikat mid-Dipartiment tal-VAT;
Liċenzja tal-Kummerċ;
Ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika.

Jekk xi dokument minn dawn ma jiġix ippreżentat, l-applikazzjoni ma tintlaqax.

Għandu jitħallas dritt skont l-Avviż Legali 119/2002.

It-12 ta' Lulju, 2022

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Feast of St Bartolomew - 28th August, 2022
Setting up of kiosks

The Ħal Għargħur Local Council notifies that it is accepting applications for the setting up of kiosks for the feast of St Bartolomew. These applications are to reach the Office of the Ħal Għargħur Local Council by not later than Friday, 12th August, 2022.

The applicant has to submit with the application:

Identity card;
Photo of the kiosk;
Certification from the VAT Department;
Trade Licence;
Certificate issued by the Department of Public Health.

If one of these documents is not presented, the application will not be accepted.

A fee should be paid in accordance to Legal Notice 119/2002.

12th July, 2022

KUNSILL LOKALI L-MARSA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali tal-Marsa jgħarraf li Triq Nerik Sacco quddiem il-Knisja tal-Parroċċa ta' Marija Reġina se tkun magħluqa minn nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Lulju, 2022 fl-4.00 p.m. sas-Sibt, 16 ta' Lulju, 2022 sa nofsillejl.

Ħadd ma jista' jipparkja f'din it-triq.

It-12 ta' Lulju, 2022

MARSA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Marsa Local Council notifies that Triq Nerik Sacco in front of Marija Reġina Parish Church will be closed from Friday, 15th July, 2022 at 4.00 p.m. till Saturday, 16th July, 2022 till midnight.

No parking is allowed in this street.

12th July, 2022

KUNSILL LOKALI IL-FURJANA

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Furjana jgħarraf 6 posti tal-parkeġġ fi Triq Sarria kantuniera ma' Pjazza San Publju se jiġu klassifikati bħala 'Tow Zones'.

Il-Kunsill jgħarraf illi t-twaqqif u l-parkeġġ ta' vetturi f'dawn il-posti huwa projbit mill-Ġimgħa, 15 ta' Lulju, 2022 mis-6.00 a.m. sa nhar l-Erbgħa, 20 ta' Lulju, 2022 sal-4.00 p.m. Dawn il-postijiet se jkunu mmarkati fuq il-post bħala 'Tow Zones'.

Vetturi li jinstabu jiksru dan l-Avviż ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

It-12 ta' Lulju, 2022

FLORIANA LOCAL COUNCIL

Parking Suspension

The Floriana Local Council notifies that 6 parking spaces in Triq Sarria, corner with St Publius Square will be classified as 'Tow Zones'.

The Floriana Local Council notifies that the stopping and parking of vehicles at the parking spaces from Friday, 15th July, 2022 from 6.00 a.m. till Wednesday, 20th July, 2022 till 4.00 p.m. These parking bays will be marked on location as 'Tow Zones'

Vehicles found in contravention of this Notice are subject to be towed.

12th July, 2022

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa taL-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 14 ta' Lulju, 2022, għal:

Avviż Nru. 67. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' fond tale quale f'Nru. 84 (qabel Nru. 55), Triq Ħal Bajada, Ir-Rabat, Malta, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2021_0016. Din il-proprjetà qed tiġi offruta fl-istat li tinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €32,151 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta'għaxart elef u seba' mija u sbatax ewro (€10,717) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 68. Bejgħ tale quale ta' Garaxx f'Nru. 26 (qabel Nru. 1) Entratura 'F', Qasam tad-Djar Wied Ħesri, Triq Dun Anton Vella, Is-Siġġiewi, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 248_91_5_26. Din il-proprjetà hija suġġetta għal servitujiet ta' terzi. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €4,851 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmienja u erbgħin elf u ħames mija u għaxar ewro (€48,510) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 69. Għotja b'ċens temporanju għall-perjodu ta' ħamsa u sittin (65) sena ta' Sit 'B' f'Tunny Net Complex, Triq il-Marfa, Il-Mellieħa, kif muri bl-aħmar u mmarkat bl-ittra 'B' fuq il-pjanta P.D.2021_0507. Dan is-sit qed jiġi offrut tale quale u jifforma parti minn fond kummerċjali. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €32,698 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' għaxart elef u tmien mija u disgħa u disgħin ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€10,899.42) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 70. Għotja b'ċens temporanju għall-perjodu ta' ħamsa u sittin (65) sena ta' Sit 'C' f'Tunny Net Complex,

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 14th July, 2022, for:

Advt No. 67. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the premises tale quale at No. 84 (formerly No. 55), Triq Ħal Bajada, Rabat, Malta, as shown edged in red on the plan P.D.2021_0016. This property is being offered in its present state including any latent defects. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteusis conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €32,151 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of ten thousand and seven hundred and seventeen euro (€10,717) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 68. Sale tale quale of a Garage at No. 26 (formerly No. 1) Entrance 'F', Wied Ħesri Housing Estate, Triq Dun Anton Vella, Siġġiewi, shown edged in red on plan P.D. 248_91_5_26. This premises is subject to third party servitudes. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €4,851 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of forty-eight thousand and five hundred and ten euro (€48,510) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 69. Grant on a temporary emphyteusis for a period of sixty-five (65) years of a Site 'B' at Tunny Net Complex, Triq il-Marfa, Mellieħa, as shown edged in red and marked with letter 'B' on the plan P.D.2021_0507. This site which is offered as tale quale forms part of commercial premises. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €32,698 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of ten thousand and eight hundred and ninety-nine euro and forty-two cents (€10,899.42) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 70. Grant on a temporary emphyteusis for a period of sixty-five (65) years of a Site 'C' at Tunny Net

Triq il-Marfa, Il-Mellieħa, kif muri bl-aħmar u mmarkat bl-ittra 'C' fuq il-pjanta P.D.2021_0507. Dan is-sit qed jiġi offrut tale quale u jifforma parti minn fond kummerċjali. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €32,698 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' għaxart elef u tmien mija u disgħa u disgħin ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€10,899.42) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 71. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale 'l hemm minn Triq Manuel Magri, In-Naxxar, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2012_262_1. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15)sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbgħa u ħamsin elf u mija u tnejn u erbgħin ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€54,142.85) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 72. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale 'l hemm minn Triq il-Ħawħ, In-Naxxar kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2012_262_2. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta'tmintax-il elf u seba' mija u tlettax ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€18,713.35) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

Complex, Triq il-Marfa, Mellieħa, as shown edged in red and marked with letter 'C' on the plan P.D.2021_0507. This site which is offered as tale quale forms part of commercial premises. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €32,698 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of ten thousand and eight hundred and ninety-nine euro and forty-two cents (€10,899.42) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 71. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the site tale quale off Triq Manual Magri, Naxxar, as shown edged in red on the plan P.D.2012_262_1. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteusis conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of fifty-four thousand and one hundred and forty-two euro and eighty-five cents (€54,142.85) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 72. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the Site tale quale off Triq Il-Hawh, Naxxar, as shown edged in red on the plan P.D.2012_262_2. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteusis conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eighteen thousand and seven hundred and thirteen euro and thirty-five cents (€18,713.35) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Id-Direttorat għall-Kurrikulu, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà

Id-Direttorat għall-Kurrikulu, Tagħlim tul il-Ħajja u Impjegabbiltà jgħarraf illi kwotazzjonijiet magħluqa mmarkati 'SMARSF Canteen 2021/22 quotation two Canteen Computer Stations' jintlaqgħu f'Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ħamis, 30 ta' Lulju, 2022, għal:

Kwot. Nru. SMARSF Canteen 2021/22. Żewġ Canteen Computer Stations.

Dokumenti rilevanti jistgħu jinġabru minn Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mit-8.30 a.m. san-12.30 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (sixthform@ilearn.edu.mt), attenzjoni s-Sa Colombia Cefai.

Dawk interessati jistgħu jattendu għall-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fid-data u l-ħin stipulati.

It-12 ta' Lulju, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Id-Direttorat għall-Kurrikulu, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà

Id-Direttorat għall-Kurrikulu, Tagħlim tul il-Ħajja u Impjegabbiltà jgħarraf illi kwotazzjonijiet magħluqa mmarkati 'SMARSF-IP CCTV (green rm) 2022 quotation for the supply of IP CCTV cameras' jiġu milqugħa f'Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Erbgħa, 20 ta' Lulju, 2022, għal:

Kwot. Nru. SMARSF-IP CCTV (Green Rm) 2022. Provvista ta' IP CCTV cameras.

Dokumenti rilevanti jistgħu jinġabru minn Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju: mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 a.m. san-12.30 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (smarefalo.sixthform@ilearn.edu.mt), attenzjoni s-Sa Colombia Cefai.

Min hu interessat jista' jattendi għall-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fid-data u l-ħin stipulati.

It-12 ta' Lulju, 2022

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Directorate Curriculum, Lifelong Learning and Employability

The Directorate Curriculum, Lifelong Learning and Employability, notifies that sealed offers marked 'SMARSF Canteen 2021/22 quotation two Canteen Computer Stations' will be received at Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, by not later than noon of Thursday, 30th July, 2022, for:

Quot. No. SMARSF Canteen 2021/22. Two Canteen Computer Stations.

Relevant documents may be collected from Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours, from Monday to Friday, between 8.30 a.m. till 12.30 p.m., or by sending an email to (smarefalo.sixthform@ilearn.edu.mt) attention Ms Colombia Cefai.

Interested parties may attend and witness the opening and scheduling of the offers received on the appointed date and time.

12th July, 2022

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Directorate Curriculum, Lifelong Learning and Employability

The Directorate Curriculum, Lifelong Learning and Employability, notifies that sealed offers, marked 'SMARSF-IP CCTV (green rm) 2022 quotation for the supply of IP CCTV cameras' are accepted at Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, by not later than noon of Wednesday, 20th July, 2022, for:

Advt No. SMARSF-IP CCTV (Green Rm) 2022. Supply of IP CCTV cameras.

Relevant documents may be collected from Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours: from Monday to Friday from 8.30 a.m. till 12.30 p.m., or by email to (smarefalo.sixthform@ilearn.edu.mt) attention Ms Colombia Cefai.

Interested parties may attend and witness the opening and scheduling of the offers received on the appointed date and time.

12th July, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

B'referenza għall-offerta elettronika CFT 009-0771/22. Provvista ta' 'automated preparation system' għal Culture Media, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa, l-1 ta' Lulju, 2022, id-data tal-għeluq ġiet estiża għall-Ġimgħa, 29 ta' Lulju, 2022.

It-12 ta' Lulju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 0707U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Erbgħa, 13 ta' Lulju, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

It-12 ta' Lulju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 0807U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ħamis, 14 ta' Lulju, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

It-12 ta' Lulju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Provvisti, Ministeru għas-Saħħa) jgħarraf illi:

CFT020-0795/22. Provvista ta' sterile sporicidal disinfectant spray għall-użu fil-clean room tal-farmaċija

ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Lulju, 2022, ġie mħassar.

It-12 ta' Lulju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

With reference to the electronic tender CFT 009-0771/22. Provision of automated preparation system for Culture Media, published in the Government Gazette of Friday, 1st of July, 2022, the closing date has been extended to Friday, 29th July, 2022.

12th July, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 0707U22 will be received up to noon on Wednesday, 13th July, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

12th July, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 0807U22 will be received up to noon on Thursday, 14th July, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

12th July, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies, Ministry for Health) notifies that:

CFT020-0795/22. Supply of sterile sporicidal disinfectant spray for use in the pharmacy clean room

published on the Government Gazette of 8th July, 2022 has been cancelled.

12th July, 2022

CENTRAL PROCUREMENT u SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, is-26 ta' Lulju, 2022. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 021-0814/22. Provvista ta' Disulfiram 200mg tablets

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, it-2 ta' Awwissu, 2022. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 020-0811/22. Anterior Chamber Lenses
CFT 020-0812/22. Single Use Transducer Covers, Thin
CFT 020-0813/22. Hydrophilic Urinary Catheters CH14
CFT 021-0815/22. Mometasone furoate 0.1percent cream
CFT 020-0816/22. Anti embolism stockings thigh length without belt
CFT 021-0817/22. Ceftriaxone 1g injections
CFT 021-0818/22. Meropenem 500mg inj
CFT 020-0819/22. Needles Disposable 18Gx100
CFT 020-0820/22. Needles Disposable 21Gx100
CFT 020-0821/22. Needles Disposable 23Gx100
CFT 020-0822/22. Needles Disposable 25Gx100
CFT 021-0823/22. Terbutaline 500 micrograms breath-actuated dry powder inhaler
CFT 020-0824/22. 3ML K3 EDTA Evacuated blood collection tubes
CFT 020-0825/22. Cannula 20G

Id-dokument tal-offerta huwa mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-12 ta' Lulju, 2022

KUNSILL LOKALI Ż-ŻURRIEQ

Il-Kunsill Lokali ż-Żurrieq jgħarraf li:

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies) , Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notice will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 26th July, 2022. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 021-0814/22. Supply of Disulfiram 200mg tablets

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 2nd August, 2022. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 020-0811/22. Anterior Chamber Lenses
CFT 020-0812/22. Single Use Transducer Covers, Thin
CFT 020-0813/22. Hydrophilic Urinary Catheters CH14
CFT 021-0815/22. Mometasone furoate 0.1percent cream
CFT 020-0816/22. Anti embolism stockings thigh length without belt
CFT 021-0817/22. Ceftriaxone 1g injections
CFT 021-0818/22. Meropenem 500mg inj
CFT 020-0819/22. Needles Disposable 18Gx100
CFT 020-0820/22. Needles Disposable 21Gx100
CFT 020-0821/22. Needles Disposable 23Gx100
CFT 020-0822/22. Needles Disposable 25Gx100
CFT 021-0823/22. Terbutaline 500 micrograms breath-actuated dry powder inhaler
CFT 020-0824/22. 3ML K3 EDTA Evacuated blood collection tubes
CFT 020-0825/22. Cannula 20G

This tender document is free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

12th July, 2022

ŻURRIEQ LOCAL COUNCIL

The Żurrieq Local Council notifies that:

Sejħiet għall-Offerti jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali ż-Żurrieq permezz tal-ePPS sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Awwissu, 2020, għal:

Avviż Nru. RC67/05/22. Servizzi ta' knis tat-toroq fil-lokalità taż-Żurrieq bl-użu ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-12 ta' Lulju, 2022

KUNSILL LOKALI TA' XBIEX

Il-Kunsill Lokali Ta' Xbiex jgħarraf li:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Ta' Xbiex permezz tal-*e-PPS* sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-2 ta' Awwissu, 2022, għal:

Avviż Nru. TXLC/02/2022. Servizzi - provvista ta' accountant kwalifikat.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-12 ta' Lulju, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL SAFI

Il-Kunsill Lokali Ħal Safi jgħarraf li:

Offerti jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Ħal Safi sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Awwissu, 2022, għal:

Avviż Nru. T/SFI 3/2022. Restawr ta' statwi u niċeċ – Ħal Safi.

Tenders will be received at the Żurrieq Local Council through ePPS, up to 11.00 a.m. of Thursday, 11th August, 2022, for:

Advt No. RC67/05/22. Road sweeping services in the locality of Żurrieq using low emission vehicles.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

12th July, 2022

TA' XBIEX LOCAL COUNCIL

The Ta' Xbiex Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ta' Xbiex Local Council through e-PPS, up to 10.00 a.m. on Tuesday, 2nd August, 2022, for:

Advt No. TXLC/02/2022. Services – provision of a Qualified Accountant.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

12th July, 2022

ĦAL SAFI LOCAL COUNCIL

The Ħal Safi Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħal Safi Local Council through ePPS, up till noon on Tuesday, 9th August, 2022, for:

Advt No. T/SFI 3/2022. Restoration of statues and niches – Ħal Safi.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-12 ta' Lulju, 2022

KUNSILL LOKALI GĦAJNSIELEM

Il-Kunsill Lokali Għajnsielem jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Għajnsielem sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Awwissu, 2022, għal:

Avviż Nru. GHJN 03/2022. Rinovar ta' pavimentar u xogħlijiet relatati ta' Triq il-Qigħan, Għajnsielem, Għawdex.

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

It-12 ta' Lulju, 2022

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

12th July, 2022

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

The Għajnsielem Local Council notifies that:

Tenders will be received by the Għajnsielem Local Council till 9.30 a.m. on Thursday, 11th August, 2022, for:

Advt. No. GHJN 03/2022. Upgrade of pavement and related works at Triq il-Qigħan, Għajnsielem, Gozo.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

12th July, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1192

Avviż, mir-Reġistru, Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)

Billi r-rikorrenti Marflene Cricchiola bin-numru tal-karta tal-identità 513386M, ippreżentat Rikors numru 128/22AGV) fejn talbet il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid ta' Chloe Seisun numru 325/22, fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

Notice, Registry of the Civil Court (Family Section)

Whereas the plaintiff Marflene Cricchiola, ID Card Number 513386M presented an application (number 128/22AGV) demanding corrections in the act of birth of Chloe Seisun Number 325/22 in the Public Registry.

Whoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 5 ta' Lulju, 2022

CETTINA GAUCI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

This 5th July, 2022

CETTINA GAUCI
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1193

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-2 ta' Lulju, 2022, u dan wara Rikors b'numru 502/2022, Ordnat:

Li meta jiġi biex ikun reġistrat l-Att tat-Twelid ta' Yaowalak Scerri fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, wara li jkunu ġew sodisfatti r-rekwiżiti kollha tal-Artiklu 244 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), isiru l-korrezzjonijiet jew annotazzjonijiet ġenerali sabiex l-isem jiġi indikat bhala 'Yaowalak' u mhux 'Wassana'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa, 6 ta' Lulju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 2nd July, 2022, and upon an application numbered 502/2022, Ordered:

That when the Director of the Public Registry comes to register the Act of Birth of Yaowalak Scerri in the Malta Public Registry, after all the requirements of Article 244 of the Civil Code (Cap. 16) have been met, the general corrections or annotations are made so that the name is indicated as 'Yaowalak' and not 'Wassana'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday, 6th July, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1194

ARB/C046/2022 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-4 ta' Lulju, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras, LLD). Kumpilazzjoni Numru 388/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Steven Ryan Micallef)

Kontra

GLEN BORG, impjegat, ta' 27 sena, iben John u Josanne (Josephine Anne) xebba Sant, imwieled Tal-Pietà, Malta, fis-26 ta' Novembru, 1994, residenti ġewwa 64, 'Patricia', Flat 1, Triq Baskal Buhagiar, Il-Mosta, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 519094M.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' GLEN BORG u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn kwalunkwe

ARB/C046/2022 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 4th July, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD). Compilation Number 388/2021, in the case:

The Police
(Inspector Steven Ryan Micallef)

Versus

GLEN BORG, employee, 27 years, son of John and Josanne (Josephine Anne) née Sant, born in Tal-Pietà, Malta, on the 26th November, 1994, residing at 64, 'Patricia', Flat 1, Triq Baskal Buhagiar, Mosta, and holder of Maltese identity card bearing number 519094M.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to GLEN BORG and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or

proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 8 ta' Lulju, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 8th July, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1195

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fid-9 ta' Diċembru, 2021, fuq talba ta' Ahmed Allashi Fouzari ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Fatima Aboabakainr, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 287/2021AGV, fl-ismijiet Ahmed Allashi Fouzari vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-2 ta' Diċembru, 2021, fl-ismijiet Ahmed Allashi Fouzari (KI 9001032A) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Fatima Aboabakainr, fejn ir-rikorrenti Ahmed Allashi Fouzari (KI 9001032A) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tappunta kuraturi deputati ai termini tal-Art. 930 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jirrappreżentaw lill-konvenuta li tinsab assenti minn Malta;

2. Takkorda b'mod definittiv illi l-minorenni … omissis …, jirrisjedi mar-rikorrorenti missier u tordna li kwalunkwe assistenza statali għall-minorenni tkun pagabbli unikament lir-rikorrenti għad esklużjoni tal-intimata omm;

3. Takkorda b'mod definittiv il-kura u kustodja tat-tifel minorenni … omissis … lir-rikorrenti missier;

4. Tordna illi r-rikorrenti missier m'għandux bżonn il-firma ta' Fatima Aboabakair jew ta' kwalunkwe persuna oħra

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court, on the 9th December, 2021, following a request of Ahmed Allashi Fouzari it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Fatima Aboabakainr, in the records of the Sworn Application 287/2022 AGV, in the names Ahmed Allashi Fouzari vs deputy curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed in the Civil Court (Family Section), in the names Ahmed Allashi Fouzari (ID 9001032A) vs deputy curators to represent the absent Fatima Aboabakainr, on the 2nd December, 2021, the applicant Ahmed Allashi Fouzari (ID 9001032A) requested this Honourable Court so that:

1. Appoints deputy curators in terms of Art. 930 of Cap. 12 of the Laws of Malta to represent a defendant who is absent from Malta;

2. Declare in a definitive manner that the minor … omissis … resides with the applicant father and orders that any state assistance for the said minor be payable solely to the applicant with the exclusion of the respondent mother;

3. Orders that the applicant father be entrusted with the sole care and custody of the minor child … omissis …;

4. Declare that the applicant father does not néed the signature of Fatima Aboabakainr or any other person in

sabiex japplika u jġedded il-passaport u l-karta tal-identità u l-karta tar-residenta tal-minuri … omissis …;

5. Tordna li kwalunkwe applikazzjonijiet u tiġdid ta' permess residenzjali, karti tal-identità, u passaporti tal-minorenni … omissis … jigu ffirmati biss mir-rikorrenti missier għad esklużjoni tal-intimata.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata

Rikorrenti: Magnolia, Flat 2, Triq tal-Kubrit, Il-Gżira

Notifika: Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sseġjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgharraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Christian Falzon Scerri, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 16 ta' Diċembru, 2021

Reġistru tal-Qorti (Sezzjoni Familja), illum 8 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

order to apply for and renew the passport identity card and residence card of the minor … omissis …;

5. Orders that any applications and renewals of residential permits, identity cards, and passports of the minor … omissis … be signed only by the applicant's father to the exclusion of the respondent;

With costs

Applicant: Magnolia, Flat 2, Triq il-Kubrit, Gżira

Notification: Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Christian Falzon Scerri, LLD, Doctor of Laws.

Today 16th December, 2021

Registry of the Civil Court (Family Section), today 8th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1196

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fid-19 ta' Mejju, 2022, fuq talba ta' Francesca Elamin Farrugia ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Essam Hussein Elamin, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 109/2022JPG, fl-ismijiet Francesca Elamin Farrugia vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 19th May, 2022, following a request of Francesca Elamin Farrugia it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Essam Hussein Elamin, in the records of the Sworn Application 109/2022 JPG, in the names Francesca Elamin Farrugia vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-18 ta' Mejju, 2022, fl-ismijiet Francesca Elamin Farrugia (KI 425594M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Essam Hussein Elamin (KI 137147A), fejn ir-rikorrenti Francesca Elamin Farrugia (KI 425594M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġuni li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment minħabba tortijiet unikament imputabbli lill-intimat;

2. Tiddikjara illi l-pajjiż ta' residenza abittwali tal-minuri … omissis … huwa Malta u ċjoè, fejn l-istess minuri twieldet u dejjem għexet flimkien mar-rikorrenti;

3. Tawtorizza u tiddikjara li l-attriċi tiġi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri … omissis …;

4. Tiffissa reta alimentarja mensili illi l-intimat għandu jħallas fl-interesss tat-tifla minuri skont il-liġi;

5. Tawtorizza lir-rikorrenti tgħammed lil bintha minuri bħala Nisranija (Roman Catholic) u ċjoè, ir-religjon li tħaddan ir-rikorrenti u li fuq kollox tirrispekkja l-ambjent li fih qiegħda tghix u tittrabba l-istess minuri;

6. Tordna illi l-partijiet ikunu responsabbli sabiex iħallsu nofs l-ispejjeż kollha konnessi mal-edukazzjoni, saħħa u dawk extra kurrikulari tal-istess minuri;

7. Tillikwida dawk l-oġġetti mobbli miżmuma b'mod konġunt bejn il-partijiet;

8. Tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti nofs l-ammonti kollha illi l-attriċi kienet kostretta li tħallas, liema ammonti jirrappreżentaw djun inkors mill-intimat u li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

9. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tiffirma waħedha u/jew għan-nom tal-intimat kwalsijasi dokument relatat mas-saħħa, edukazzjoni u benesser ingenerali tal-minuri, inkluż applikazzjonijiet għall-ħruġ u/jew tiġdid ta' passaport tal-istess minuri;

10. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriveri għal kunjom xbubita u ċjoè Farrugia.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rikorrenti: 130, Bonavia Flats, 6, 21st September Avenue, In-Naxxar

By means of a Sworn Application, filed in the Civil Court (Family Section), in the names Francesca Elamin Farrugia (ID 425594M) vs deputy curators to represent the absent Essam Hussein Elamin (ID 137147A), on the 18th May, 2022, the applicant Francesca Elamin Farrugia (ID 425594M) requested this Honourable Court so that it:

1. Declares the personal separation between the parties on the ground that the marriage has irreparably broken down, due to faults solely imputable to the respondent;

2. Declares that the country of habitual residence of the child … omissis … is Malta and that is, where the same child was born and has always lived with the applicant;

3. Authorise and declare that the applicant be entrusted with the exclusive care and custody of the child … omissis …;

4. Establishes a monthly maintenance which the respondent shall pay in the interests of the minor girl in accordance with the law;

5. Authorises the applicant to baptise her minor daughter as a Christian (Roman Catholic) and that is, the religion which the applicant embraces and which above all respects the environment in which she is living and raising the same child;

6. Orders the parties to be responsible for paying half of all expenses related to the education, health and extra-curricular expenses of the same child;

7. Liquidates those movable objects held jointly by the parties;

8. Orders the respondent to pay the applicant half of all the sums which the plaintiff was obliged to pay, which amounts represent debts incurred by the respondent and which form part of the community of acquests;

9. Authorises the applicant to sign alone and/or on behalf of the respondent any documents relating to the health, education and welfare of the child in general, including applications for the issue and/or renewal of a passport of the same child;

10. Authorises the applicant to revert to the maiden name of Farrugia.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: 130, Bonavia Flats, 6, 21st September Avenue, Naxxar

Notifika: Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f' dan ir-Reġistru u jagħmel b' nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Anna Felice, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 21 ta' Mejju, 2022

Reġistru tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), illum 8 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Anna Felice, LLD, Doctor of Laws.

Today 21st May, 2022

Registry of the Civil Court (Family Section), today 8th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1197

Permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Mejju, 2022, fl-atti tal-kontroprotest numru 76/2022 wara l-protest ġudizzjarju 22/2022, fl-ismijiet Charmaine Psaila vs Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministru tas-Saħħa et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 fil-konfront tal-intimata Charmaine Psaila.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 23 ta' Frar, 2022

Wara l-protest ġudizzjarju 22/2022

Charmaine Psaila (KI 257874M)

vs

i) Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministru tas-Saħħa.

ii) Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku

iii) Mr Chris Fearne, fil-kapaċità eżekuttiva tiegħu bħala l-Ministru tas-Saħħa;

By means of a decree of the 24th May, 2022, in the records of the counter protest number 76/2022 in relation to the judicial protest number 22/2022 in the names Charmaine Psaila vs Permanent Secretary in the Ministry of Health et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 on the respondent Charmaine Psaila.

In the First Hall of the Civil Court

Today 23rd February, 2022

In response to the judicial protest 22/2022

Charmaine Psaila (ID 257874M)

Vs

i) Permanent Secretary in the Ministry of Health

ii) Public Service Commission

iii) Mr Chris Fearne, in his executive capacity as Minister of Health;

iv) Dr Robert Abela fil-kapaċità tiegħu bħala Prim Ministru ta' Malta.

Kontroprotest tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa u Mr Chris Fearne fil-kapaċità eżekuttiva tiegħu bħala l-Ministru tas-Saħħa.

Jesponu bir-rispett:

Illi permezz tal-preżenti, il-protestati filwaqt illi jirreferu għall-protest ġudizzjarju numru 22/2022 intavolat mill-protestanta fl-ismijiet fuq premessi, qegħdin jirrespingu l-allegazzjonijiet kollha hekk kif vantati minnha kontra l-protestati bħala infondata fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti ragunijiet:

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti Mr Chris Fearne fil-kapaċità eżekuttiva tiegħu bħala l-Ministru tas-Saħħa jirrileva illi ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur għal pretensjonijiet hekk kif vantati mill-protestanta;

Illi fit-tieni lok, hekk kif indikat fil-protest innifsu, il-protestanta taf ben tajjeb li l-esponenti Segratarju Permanenti fi ħdan il-Ministru tas-Saħħa ma jistax jappunta u jaħtar lill-protestanta fl-irwol ta' Chief Midwifery Manager u dan ai termini tad-deċiżjoni fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1686/21/1AJD. Fil-fatt permezz ta' rikors preżentat nhar it-12 ta' Novembru, 2021, Maria Lourdes Cutajar talbet sabiex l-esponenti Segretarju Permanenti flimkien mal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, jinżammu milli jkomplu bil-proċess tal-ħatra ta' u/jew jaħtru Chief Midwifery Manager, liema talba intlaqgħet proviżorjament permezz ta' digriet tagħha tat-12 ta' Novembru, 2021. Permezz tad-deċiżjoni suċċitata, din l-Onorabbli Qorti kkonfermat id-digriet tagħha tat-12 ta' Novembru, 2021, inkwantu jirrigwarda s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa;

Għaldaqstant in vista tas-suespost, filwaqt illi l-esponenti jgibu s-suespost a formali konjizzjoni tal-protestanta u filwaqt li jirrespingu kull allegazzjoni kif vantata minnha kontra l-esponenti, qiegħdin jiddifikdaw lill-istess protestanta milli tipprocedi b'azzjoni ulterjuri kontra tagħhom u qiegħdin minn issa jpogguha f'dolo, culpa et moro għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Mittenti:
1. Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa, Ministeru għas-Saħħa, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta
2. Ministru tas-Saħħa, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Ntoifika:
i) Charmaine Psaila, c/o Lex Malta Advocates, 55, Oratory Street, Il-Mosta

iv) Dr Robert Abela, in his capacity as Prime Minister of Malta.

Counter Protest of the Permanent Secretary in the Ministry of Health and Mr Chris Fearne in his executive capacity as Minister for Health.

Request with respect:

That by means of this present, the protesters whilst referring to the judicial protest number 22/20222 filed by the protestant in the names above mentioned, are rejecting all the allegations as made by her against the respondents (today applicants) as unfounded in fact and in law for the following reasons:

That in the first place, Mr Chris Fearne in his executive capacity as the Minister of Health points out that in terms of article 181B of Cap. 12 he is not the proper defendant to respond to the claims as claimed by the protestant;

That secondly, as indicated in the judicial protest itself, the protestant is well aware that the Permanent Secretary within the Minister of Health cannot appoint, and nominate the protestant in the role of Chief Midwifery Manager and this in terms of the decision in the acts of the prohibitory injunction number 1686/21AJD. In fact, by an application filed on the 12th November, 2021, Maria Lourdes Cutajar requested that the Permanent Secretary together with the Public Service Commission, be prevented from continuing the process of appointing and/or nominate a Chief Midwifery Manager, whose request was provisionally accepted by means of a decree of the 12th November, 2021. By means of the aforementioned judgment, this Honourable Court confirmed its decree of the 12th November, 2021, in so far as it applies to the Permanent Secretary in the Ministry of Health;

Therefore, in view of the above while the applicants bring the above to the notice of the protestant and while rejecting any allegations raised by her against the applicants, they are soliciting the same protestant such that she refrains from proceeding with further action against them and are henceforth placing her in dolo, culpa et moro for all purposes and effects of law.

Applicants:
1. Permanent Secretary in the Ministry of Health, Ministry of Health Palazzo Catellania, Triq il-Merkanti, Valletta
2. Ministry of Health, Palazzo Catellania, Triq il-Merkanti, Valletta

Notification:
i) Charmaine Psaila, c/o Lex Malta Advocates, 55, Oratory Street, Mosta

ii) Avukat tal-Istat

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

i) State Advocate

Registry of the Superior Courts today 8th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1198

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Novembru, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3375/2020, fl-ismijiet Calthon Limited vs TF Clothing Limited et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum, 15 ta' Ottubru, 2020
Lil: TF Clothing Limited (C43280) u Michel Vella (KI 430865M) ta' 55/2, Vjal Sir Mikelangelo Refalo, Ħal Balzan BZN 1603

Permezz tal-preżenti, is-soċjetà Calthon Limited (C5061) ta' Savoy Buildings, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, qiegħda tinterpellakom tħallsu l-arretrati ta' kera dovuti lilha in vista tal-kuntratt iffirmat bejnietkom u s-soċjetà mittenti fl-4 ta' Diċembru, 2017, u ċjoè s-somma ta' €11,381.01 dovuti fir-rigward tal-okkupazzjoni minnek tal-fond numru 44 formanti parti mill-kumpless magħruf bħala Savoy Shopping Arcade, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, kif ukoll is-somma ta' €19,166.40 dovuti fir-rigward tal-okkupazzjoni minnek tal-fond numru 45 formanti parti mill-kumpless magħruf bħala Savoy Shopping Arcade, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, li kollettivament jammontaw għas-somma ta' €30,547.41.

Fin-nuqqas is-soċjetà mittenti qiegħda twissikom illi se tipproċedi bl-azzjonijiet kollha a dispożizzjoni tagħha skont il-liġi, inkluż il-ħruġ tal-mandati appositi, sabiex tikkawtela l-pożizzjoni tagħha u dan mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant sabiex tagħrfu tirregolaw ruħkom u sabiex jigu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax dovut ai termini tal-ftehim privat datat 4 ta' Diċembru, 2017, su riferit.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 4th November, 2021, in the records of the judicial letter number 3375/2020, in the names Calthon Limited vs TF Clothing Limited et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 15th October, 2020
To TF Clothing Limited (C43280) and Michel Vella (ID 430865M) of 55/2, Vjal Sir Mikelangelo Refalo, Ħal Balzan, BZN 1603

By means of this present, the interpellant company Calthon Limited (C5061) of Savoy Buildings, Triq ir-Repubblika, Valletta, is soliciting you to pay the rent arrears due to her in view of the contract signed between you and the interpellant company on the 4th December, 2017, and that is €11,381.01 due for by you for the occupation of the premises number 44 forming part of the complex known as Savoy Shopping Arcade, Triq ir-Repubblika, Valletta, and also the amount of €19,166.40 due regarding the occupation of the premises number 45, forming part of the complex known as Savoy Shopping Arcade, Triq ir-Repubblika, Valletta, that together amounts to €30,547.41.

In default the interpellant company warns you that it will proceed with all the actions at her dispostion according to law, including the opportune warrants, to saveguard her position, and this without further notice.

So much so that you will know how to regulate yourself and to avoid further useless costs and procedures.

With costs and interest due in terms of the private agreement dated 4th December, 2017, above mentioned.

Registry of the Superior Courts today 8th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1199

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Ottubru, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2960/2021, fl-ismijiet Joseph Spiteri

By means of a decree given on the 21st October, 2021, in the records of the judicial letter number 2960/2021, in the

vs Giuseppa sive Guza Busuttil, il-Bord li Jirregola l-Kera ordna s-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Giuseppa sive Guza Busuttil a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Bord li Jirregola l-Kera

Illum 22 ta' Lulju, 2021

Lil Giuseppa sive Guza Busuttil (KI 0226446M) ta' 29/30, Sqaq Pawlu Magri Nru 2, Ħal Luqa

Permezz tal-preżenti Joseph Spiteri ta' 71, Triq l-Iskola, Ħal Luqa, jagħmel referenza għas-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera, Rikors numru 159/2019, fl-ismijiet Joseph Spiteri vs Guza Busuttil et deċiża fl-14 ta' April, 2021, fejn inti ġejt ikkundannata tħallas il-kera bir-rata ta' €3,237.50 għall-ewwel sentejn mis-sentenza u bir-rata ta' €4,700 għall-erba' snin ta' wara.

Illi għalhekk inti għandek tħallas €404.69 mill-14 ta' April, 2021 sal-31 ta' Mejju, 2021, waqt li trid tħallas sitt xhur kera mill-1 ta' Gunju, 2021 sat-30 ta; Novembru, 2021, ammontanti għal €1,618.74 globalment ammontanti għal €2,023.43.

Illi għalhekk il-mittenti qed jinterpellak biex tħallas l-ammont ta' €2,023.43 għax fin-nuqqas li tagħmel dan entro ħmistax-il gurnata huwa sser jipprocedu kontra tiegħek għall-izgumbrament mill-fond imsemmi

Għaldaqstant, il-mittenti javvertik illi jekk inti ma' tħallasx fi zmien ħmistax (15) il-gurnata l-kera dovuta għall-fond 29/30, Sqaq Pawlu Magri Nru 2, Ħal Luqa ser jittieħdu kontra tiegħek għall-izgumbrament mill-fond ai termini al-Artikolu 1570 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf timxi u bl-ispejjez

Registru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

names Joseph Spiteri vs Giuseppa sive Guza Busuttil, the Rent Regulation Board ordered the following publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12 for the purpose of effecting service on the respondent Giuseppa sive Guza Busuttil.

In the Rent Regulation Board

Today 22nd July, 2021

To Giuseppa sive Guza Busuttil (ID 0226446M) of 29/30, Sqaq Pawlu Magri Nru 2, Ħal Luqa

By means of this present Joseph Spiteri of 71, Triq l-Iskola, Ħal Luqa, makes reference to the judgement given by the Rent Regulation Board, Application number 159/2019, in the names Joseph Spiteri vs Guza Busuttil et, decided on the 14th April, 2021, where you were condemned to pay the rent at the rate of €3,237.50 for the first two years from the date of judgement and with the rate of €4,700 for the following four years.

You have to pay the amount of €404.69 from the 14th April 2021 till the 31st May 2021, whilst you have to pay six months rent from the 1st June 2021 till 30th November 2021 amounting to €1,618.74 totally amounting to €2,023.43.

Thus the interpellant solicits you to pay the mount of €2,023.43 and in default of payment within fifteen days he is going to proceed against you for the eviction from the said premises.

Thus, the interpellant warns you that if you do not pay within fifteen days the rent due for the premises 29/30 Sqaq Pawlu Magri Nru 2, Ħal Luqa further procedures for the eviction from the premises in terms of Article 1570 of Chapter 16 of the Laws of Malta will be taken against you.

So much so you regulate yourself and with costs

Registry of the Superior Courts, today 8th July, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1200

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-26 ta' Ottubru, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 999/2021, fl-ismijiet J. Zammit Limited vs Bosko Knezevic et ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Bosko Knezevic u Letizia Knezevic a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 26th October, 2021, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 999/2021 in the names J. Zammit Limited vs Bosko Knezevic et the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Boko Knezevic and Letizia Knezevic in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 3 ta' Mejju, 2021

Lil Bosko Knezevic (KI 209073A) u Letizia Knezevic (KI 5990L) ta' Alsil Blk B, Fl 6, Triq Gregorio Carafa, L-Imtarfa

Permezz tal-preżenti J. Zammit Limited (C37945) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tinterpellak sabiex immedjatament tħallsu s-somma ta' €793.75 oltre l-imgħax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv, rappreżentanti ħames 5 skadenzi ta' kambjali kull waħda b'valur ta' €158.75, liema kambjali mmaturaw fl-ewwel (1) ġurnata ta' kull xahar minn Diċembru, 2020 sa April 2021 rispettivament (kopji hawn annessi u mmarkati Dok. A1-Dok. A5).

Din l-ittra uffiċjali qed issirlkom a tenur tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għaldaqstant il-mittenti javvertikom illi jekk fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali intom ma turux lil Qorti ragunijiet gravi u validi biex topponi l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali, allura dan il-kreditu jiġi reż titolu eżekuttiv u jinħarġu kontra tagħkom il-mandati eżekuttivi kollha spettanti lilu skont il-liġi.

Tant biex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom u bl-ispejjeż kontra tagħkom.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 8 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 3rd May, 2021

To Bosko Knezevic (ID 209073A) and Letizia Knezevic (ID 5990L) of Alsil Blk B, Fl 6, Triq Gregorio Carafa, Imtarfa

By the present J. Zammit Limited (C37945) of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, solicits you so that immediately you pay the amount of €793.75 besides legal interest from the due date of each bill of exchange till the date of effective payment representing 5 expired bills of exchange each of value €158.75, which bills of exchange were due on the 1st day of each month from December 2020 till April 2021 respectively (copies here attached and marked as Doc. A1-Doc. A5).

This judicial letter is being made in terms of Article 253(e) and 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure and thus the interpellant warns you that if within twenty days from the notification of this judicial letter you do not show this Court grave and valid reasons to oppose the execution of these bills of exchange, thus this credit will be rendered executive title and all the executive warrants will be issued against you according to law.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourselves and with costs against you.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 8th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1201

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-10 ta' Ġunju, 2022, Rikors numru 1026/2022, minn Maria Falzon et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Maria Falzon mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Daria Falzon, Erica Falzon u Jurgen Falzon ulied id-decujus fi kwoti ugwali bejniethom is-suċċessjoni ta' Gaetano Falzon, żewġ Maria Falzon, bin il-mejtin Spiro Falzon u Maria née Fenech, imwieled Birkirkara, Malta, kien residenti l-Iklin, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fit-18 ta' Lulju, 2021, ta' 65 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 123756M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 10th June, 2022, Application number 1026/2022, by Maria Falzon et whereby they requested that it be declared open in favour of Maria Falzon, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Daria Falzon, Erica Falzon and Jurgen Falzon children of the decujus in equal shares between them the succession of Gaetano Falzon, husband of Maria Falzon, son of the late Spiro Falzon and Maria née Fenech, born in Birkirkara, Malta, resided in Iklin, Malta, and died in Msida, Malta, on the 18th July, 2021, aged 65, and who held identity card number 123756M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 8 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 8th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1202

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-13 ta' Ġunju, 2022, Rikors numru 1038/2022, minn Joan Zammit et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Joan Zammit mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Maria Eleonora Zammit u Joseph Zammit ulied id-decujus fi kwoti ugwali bejniethom is-suċċessjoni ta' Vincent Zammit, żewġ Joan Zammit, bin il-mejtin Carmelo Zammit u Evangelista Zammit née Darmanin, imwieled iż-Żurrieq, Malta, kien residenti Ħal Safi, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fl-10 ta' Awwissu, 2021, ta' 70 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 935150M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 8 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 13th June, 2022, Application number 1038/2022, by Joan Zammit et whereby they requested that it be declared open in favour of Joan Zammit, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Maria Eleonora Zammit and Joseph Zammit children of the decujus in equal shares between them the succession of Vincent Zammit, husband of Joan Zammit, son of the late Carmelo Zammit and Evangelista Zammit née Darmanin, born in Żurrieq, Malta, resided in Ħal Safi, Malta, and died in in Msida, Malta, on the 10th August, 2021, aged 70, and who held identity card number 935150M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 8th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1203

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fid-19 ta' Mejju, 2022, Rikors numru 860/2022, minn John Agius et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur John Agius żewġ id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Kimberly Agius, Denzil Agius u Maria Agius ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Maria Dolores Agius, mart John Agius, bint il-mejtin Joseph Busuttil u Mary Busuttil née Falzon, imwielda l-Imsida, Malta, kienet residenti Ħ'Attard, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fil-11 ta' Settembru, 2021, ta' 68 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 251553M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 19th May, 2022, Application number 860/2022, by John Agius et whereby they requested that it be declared open in favour of John Agius husband of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Kimberly Agius, Denzil Agius and Maria Agius children of the decjus in equal shares between them the succession of Maria Dolores Agius , wife of John Agius, daughter of the late Joseph Busuttil and Mary Busuttil née Falzon, born in Msida, Malta, resided in Ħ'Attard, Malta, and died in Msida, Malta, on the 11th September, 2021, aged 68, and who held identity card number 251553M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said

b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 8 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 8th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1204

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-22 ta' April, 2022, Rikors numru 654/2022, minn Duncan Barbara et fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Duncan Barbara u Brian Barbara wlied id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed minnhom is-suċċessjoni ta' John Barbara, żewġ Dolores Barbara, bin il-mejtin Antonio Barbara u Agnes Barbara née Felice, imwieled Tas-Sliema, Malta, kien residenti Gwardamanġa, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fit-2 ta' Diċembru, 2021, ta' 77 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 483544M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 8 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 22nd April, 2022, Application number 654/2022, by Duncan Barbara et whereby they requested that it be declared open in favour of Duncan Barbara and Brian Barbara children of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share each one of them the succession of John Barbara, husband of Dolores Barbara, son of the late Antonio Barbara and Agnes Barbara née Felice, born in Tas-Sliema, Malta, resided in Gwardamanġa, Malta, and died in Msida, Malta, on the 2nd December, 2021, aged 77, and who held identity card number 483544M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 8th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1205

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-9 ta' Ġunju, 2021, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

No Deposit Cars Malta Limited (C85780) ta' Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, ippreżentaw talba fil-25 ta' Mejju, 2021, fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Petru Melinte (KI 0201598A) ta' Domant Court, Flat 2, Triq l-Iskal, Marsaskala, sabiex iħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ta' €9,540, liema ammont huwa dovut lill-kumpanija atturiċi.

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 9th June, 2021, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

No Deposit Cars Malta Limited (C85780) of Sharay, Triq il-Fraxxnu, St Julian's, filed a Claim on the 25th May, 2021, whereby they asked the Court to condemn Petru Melinte (ID 0201598A) of Domant Court, Flat 2, Triq l-Iskal, Marsaskala, to pay the plaintiff company the sum of €9,540, which amount is due to the plaintiff company.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali

Il-kawża (Avviż numru 139/2021VGA) qed tinstema' mill-Maġistrat Dr Victor G. Axiak, LLD.

Notifika: Petru Melinte (KI 0201598A), ta' Domant Court, Flat 2, Triq l-Iskal, Marsaskala

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 8 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Ghar-Registratur, Qrati u Tribunali

With costs and legal interests

The case (Notice number 139/2021VGA) is to be heard before Magistrate Dr Victor G. Axiak, LLD.

Notification: Petru Melinte (ID 0201598A), of Domant Court, Flat 2, Triq l-Iskal, Marsaskala.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 8th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1206

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-15 ta' Ġunju, 2022, fuq talba ta' Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Junu Lakandri fl-atti tar-Rikors numru 120/2022LL, fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi Ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali u Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għal kull interess li jista' jkollu vs Junu Lakandri (KI 205822A), ippreżentat fil-Qorti tal-Minorenni fl-20 ta' Mejju, 2022, fejn id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u tad-Direttorat Kura Alternttiva (Tfal u Żgħażagħ) talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3) tawtorizza li l-minuri tirrisjedi ġewwa residenza liċenzjata u approvata mill-Awtorità rispettiva u d-Direttur esponenti;

2. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3) tafda l-kura u kustodja tal-minuri … omissis … f'idejn id-Direttur tad-Direttorat Kura alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) b'dan li l-istess Direttur ikollu s-setgħa illi jiddelega l-Awtorità sabiex jittieħdu deċiżjonijiet ordinarji relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri mill-careres alternattivi;

3. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3) tordna illi kwalunkwe kuntatt tal-minuri mal-intimati omm

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 15th June, 2022, following a request by the Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services et it was ordered that deputy curators be appointed to represent Junu Lakandri in the acts of the Application number 120/2022LL, in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services et vs Junu Lakandri vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services and Directorate Alternative Care (Children and Youths) for any interest that it may have vs Junu Lakandri (ID 205822A) filed in the Juvenile Court on the 20th May, 2022, whereby the applicants Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services and Directorate Alternative Care (Children and Youths) respectfully submitted so that this Court:

1. That on a preliminary basis and in terms of Article 18(3), authorises the minor to reside in a licensed residence which has been approved by the respective authority and the applicant Directorate;

2. That on a preliminary basis and in terms of Article 18(3), entrusts the care and custody of minor … omissis … in the hands of the Director of the Directorate Alternative Care (Children and Youths) such that this Director may have the power to delegate the authority to make oridinary decisions relating to health and education of the minor to the alternative careres;

3. That on a preliminary basis and in terms of Article 18(3), orders that any contact of the minor with the defendant

isir taħt superviżjoni, liema superviżjoni għandha tkun regolata mid-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) skont ir-regolamenti u l-proċeduri li huma adoperati mis-Servizz tal-Aċċess fi ħdan id-Direttorat esponenti;

4. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3) tordna illi kuntatt tal-minuri mal-intimat missier ikun sospiż sakemm isir assessjar aktar profond u jiġi preżentat pjan ta' kura fuq kif dan l-aċċess jista' jiġi introdott mill-ġdid mingħajr ħsara għall-minuri;

5. Tappunta r-rikors odjern għas-smigħ ai termini tal-Artikolu 18(5) tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Tappunta Avukat tat-Tfal sabiex jipprovdi spjegazzjoni, jipprovdi kull informazzjoni lill-minuri, jassisti u jippreżenta l-fehmiet tal-minuri quddiem din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 25 tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Tilqa' r-rakkomandazzjonijiet, inkluż il-ħruġ tal-ordni għall-ħarsien għall-benessere tal-minuri, tad-Direttur għad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal kif dedotti fir-rapport anness bħala Dok. X u tagħmilhom bħala parti integrali mid-deċiżjoni finali tagħha u sussegwentement tirreferi d-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti lill-Bord ta' Reviżjoni sabiex jibda jirrevedi l-pjan ta' kura tal-minuri ai termini tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta.

U dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fiċ-ċirkostanzi.

Il-kawża fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi Ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali et vs Junu Lakandri (ID 205822A) (Rikors numru 120/2022LL) jinsab differit għall-14 ta' Settembru, 2022, fid-9.30 a.m.

Rikorrenti: Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, 220, Cannon Road, Santa Venera

Direttorat Kura Alternattiva, 36, Triq l-Isptar, Tal-Pietà

Intimata: Daħlet Qorrot, Triq Herbert Ganado, Tal-Pietà

Notifika: Avukat tat-Tfal
Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

mother is to take place under supervision which supervision is to be regulated by the Directorate Alternative Care (Children and Youth) according to regulations and procedures that are adopted by the Supervised Access Service within the same Directorate applicant;

4. That on a preliminary basis and in terms of Article 18(3) orders that the contact of the minor with the respondent father will be suspended until a deeper assessment is made and a care plan is presented as such access will be introduced once again without prejudice to the minor;

5. Appoints the present application for a hearing in terms of Article 18(5) of Cap 602 of the Laws of Malta;

6. Appoints a Children's Advocate to provide explanation, to provide any information to the minor, to assist and represent the views of the minor before this Honourable Court in terms of article 25 of Cap. 602 of the Laws of Malta;

7. Upholds the recommendations, including the issue of a welfare care order for the wellbeing of the minor, of the Director of the Directorate for Child Protection as put forward in the report attached as Doc. X and makes them an integral part of its final decision and subsequently refers the decision of this Honourable Court to the Review Board to review the care plan of the minor in terms of Cap 602 of the Laws of Malta.

And this under those provisions that this Honourable Court deems necessary and opportune to impose in the circumstances.

The case in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services et vs Junu Lakandri (ID 205822A) (Application number 120/2022LL) is postponed for hearing for the 14th September, 2022, at 9.30 a.m.

Applicants: Child Protection Directorate, 220, Cannon Road, Santa Venera

Directorate Alternative Care: 36, Triq l-Isptar, Tal-Pietà

Respondent: Daħlet Qorrot, Triq Herbert Ganado, Tal-Pietà

Notification: Children's Advocate
Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda tal-Magistrat Dr Lara Lanfranco, MA Law.(Melit) BA, LLD, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti tal-Maġistrati hawn fuq imsemmi.

Illum 15 ta' Ġunju, 2022

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 8 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Court of Magistrates (Malta) with the witness of Magistrate Dr Lara Lanfranco, MA Law (Melit) BA, LLD, Doctor of Laws, Magistrate of the above mentioned Court.

Today 15th June, 2022

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 8th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1207

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-1 ta' Ottubru, 2021, fuq talba ta' Richard Camilleri et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw sidien mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1807/2021 fl-ismijiet Richard Camilleri et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

